**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. CLAIRE L. STAFRACE ZAMMIT B.A LL.D.**

**Illum 27 ta' Novembru, 2020.**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Bernard Spiteri)**

**v**

**Anton Vassallo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Anton Vassallo** detentur ta' karta tal-identita' numru 0495978M:

Akkuzat talli fit-23 ta' Awwissu 2011 u fil-gimghat ta' qabel din id-data gewwa Zabbar u fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer, xjentament xtrajt jew ilqajt ghandek oggett misruq u cioe vettura tal-marka Mercedes Benz E220 CDI Classic bin-numru tar-registrazzjoni LCQ495 li l-valur taghha jaccedi il-2329.4 Euro (LM1000), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar

f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkunu indhal biex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap.9 tal-ligijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement ghamilt uzu minn dokument falz cioe numri tar-registrazzjoni ta' vettura.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi soqt vettura tal-marka Mercedes Benz E220 CDI Classic bin-numru tar-registrazzjoni LCQ495 meta ma kontx kopert b'polza tas-sigurta ghall-terzi persuni.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi sirt ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet il-provi kollha inkluz it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-ammissjoni tal-imputat datata 19/02/2018 liema ammissjoni giet ikkonfermata wara li l-imputat nghata zmien opportun sabiex jahsibha.

Rat il-pre-sentencing report mill-Probation Officer Joanna Farrugia (Dok JF1) ipprezentat quddiem l-Imhallef Edwina Grima u li l-partijiet qablu li dan ir-rapport ghandu jifforma parti minn dawn l-atti.

Rat ir-rakkomandazzjonijiet hemm kontenuti;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kapitlu 104 issib lill-imputat Anton Vassallo hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih hlief ghall-addebitu tar-recidiva u a rigward l-akkuzi 1 u 2 Ordni ta' Probation ghal tliet snin filwaqt li a rigward it-tielet akkuza multa ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).

Il-Qorti qed tordna wkoll id-distruzzjoni tal-esebit FFX ossija pjanci ta' vettura bir-registrazzjoni "It-Tus".

**Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A LL.D.**
**Magistrat**